MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2016/2003

**Vodafone Malta Limited C10865**

**Vs**

**AZ Link Company Limited u b'digriet tat-Tribunal tal-1 ta' Lulju, 2004 l-isem gie mibdul ghal AZ Ink Company Limited**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm405.14c (erba' mija u hames liri Maltin u erbatax-il centezmu) rapprezentanti bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' mobile phones bin-numri 99473111, 99434322 u 99432378.

Is-socjeta' konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba u bl-interessi kontra s-socjeta’ konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lil Nadia Borg tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------